MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 117/2000/1

**C Stivala Limited**

**Vs**

**Comm. Lifts & Ser. Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li tersaq ghal(l-) likwidazzjoni u hlas ta’ danni wara bejgh u installazzjoni ta’ lift lis-socjeta attrici liema lift u l-installazzjoni tieghu kien difettuzi u dan wara li jigi ddikjarat li l-istess lift ma kienx skond il-kwalita pattwita u l-installazzjoni tieghu  kien difettuz u mhux skond is-sengha skond rapport tal-Ing. E. Scerri anness mal-avviz (Dok A) u stima (Dok B).  Id-danni ma jeccedux Lm1000.

Bl-ispejjes.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat id-dokumenti a fol 2 u 3 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi preliminarjaent it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rimedju li qed jintalab mis-socjeta attrici mhux legalment sostenibbli stante li l-unici azzjonijiet li ghandu xerrej ta' hwejjeg mobbli fil-ligi huma dawk kontemplati mill-Art 1390 u 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema azzjonijiet iddekadew ai termini tal-Art. 1407(1) u 1431(1) tal-istess Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-lift mibjugh u nstallat ghand is-socjeta' attrici ma kienx difettuz.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll dawk annessi tal-kawza, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Comm. Lifts Ser Ltd vs Michael Stivala pro et noe (citaz numru 187/97 NA) deciza fit-28 ta' April 2003.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza preliminari hi limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif sottomessa a basi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jispecifika illi azzjonjiet ghad-danni li ma originawx minn reat kriminali huma preskritti bl-iskadenza ta' sentejn. Dwar dan <u>Michael Stivala</u> (fol 15, fol 23 u fol 30) et seq ibid xehed li l-bejgh w istallazzjoni tal-lift in kwistjoni kien sar "matul in-1996" Sussegwentement, kienet qamet kwistjoni dwar flus allegatament dovuti mis-socjeta attrici lil dik konvenuta (ara l-annessi atti li jirreferu ghac-citazzjoni numru

187/97NA fl-ismijiet, press a poco, inversi deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April 2003). Wara l-istallazzjoni tal-istess “lift” is-socjeta attrici allegat li din kienet difettuza u skond l-istess xhud, is-socjeta konvenuta ppromettiet “… li ser tirranga l-istess difetti” liema difetti, pero’, ma kienux riparati. Meta, pero’ kompla jixhed l-istess xhud, dan qal “Ma niftakarx meta kien inbeda ….. u lanqas ma niftakar meta kien spicca xi xoghol”.

Sussegwentement kien gie skopert illi l-istallazzjoni tal-istess “lift” saret b’mod hazin u dwar dan gew esebiti rapporti “ex parte” li jinsab a fol 27 u fol 28 kif ukoll a fol 32 tal-atti u huma datati id-9 ta’ Frar 1999, it-22 ta’ April 1999 u s-26 ta’ Marzu 2000. L-istess xhud kien gie riprodott sabiex jixhed ghat-tielet darba u hawnhekk hu rega tenna dak li xehed originarjament cjoe li l-“lift” in kwistjoni kien inxtara u gie stallat matul “in-1996”.

Illi Victor Camilleri (fol 35 u fol 39 et seq ibid) jsostni illi l-istallazzjoni kienet saret qabel cjoe fl-1995. Sussegwentement, kif di gja ntqal kienet qamet kwistjoni dwar pagamenti li kien qed jigi kontestat mis-socjeta konvenuta, liema kwistjoni kienet giet deciza mill-Qorti kompetenti permezz tas-sentenza citata. Hu kompla jghid illi is-socjeta attrici qatt ma kienet registrat xi lmenti.

Ikkunsidrat

Illi gew esaminati l-atti kollha annessi mac-citazzjoni 187/97 hawn fuq imsemmija sabiex din il-Qorti tara jekk hemmx xi fatt jew fatti li jistghu jkunu rilevanti ghall-eccezzjoni in esami. Permezz ta’ din l-azzjoni presentata fis-27 ta’ Jannar 1997 Michael Stivala pro et nomine kien talab li jigi kanonizzat kreditur tas-socjeta attrici odjerna fis-somma specifikata fic-citazzjoni u dan bhala pagament ta’ prezz ta’ bejgh ta’ lift ossija l-istess wiehed imsemmi fl-avviz in esami. F’ittra datata it-3 ta’ Lulju 1996, jinghad illi Michael Stivala kien naqas milli jiffirma ftehim ghall-manutenzjoni tal-istess ‘lift’ u b’hekk is-socjeta konvenuta odjerna ma’ setghetx tigi ritenuta responsabbli ghal xoghol ta’ manutenzjoni “.. which they were never contracted to

execute" (ara ukoll l-ittra b'data sussegwenti annessa ukoll mal-atti in esami a fol 6). Minn ittra ohra bid-data tat-28 ta'Novembru 1995 (a fol 7 ibid) jidher illi s-socjeta attrici odjerna kienet hallset, permezz ta' 'cheque" is-somma ta' Lm617.50,0 mibghut mill-istess socjeta attrici odjerna "in full and final settlement" liema "cheque" pero ma kienx gie accettat mis-socjeta konvenuta f'dawn il-proceduri.

A fol 16 tal-istess atti, jinsabu l-eccezzjonjiet sottomessi mis-socjeta attrici odjerna u presentanti fis-7 ta' April 1998. Wiehed jista' jara illi s-socjeta attrici odjerna kienet ikkontestat l-ammont pretiz fl-istess citazzjoni ghar-raguni hemm specifikata u bl-ebda mod ma kien sar xi accenn illi l-"lift" in kwistjoni kien ghal xi raguni difettuz. Fl-istess proceduri kien xehed l-imsemmi Michael Stivala u anke hawnhekk ma tressaq ebda lment dwar xi difett li seta kien hemm fl-istallazzjoni tal-'left' in esami avolja l-ahhar okkazzjoni meta xehed kien fl-10 ta' Lulju 2001 ossija ferm wara r-rapporti "ex parte" hawn fuq imsemmija.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess ghandu jirrisulta:-

a) illi f'dan il-kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn specifikata fl-artikoli 2153 citat, trattasi ta' danni kontrattwali
b) illi bejn il-bejgh u l-istallazzjoni tal-"lift" in esami, w il-presentata tal-avviz in esami skadew, b'certezza, aktar minn erba (4) snin, liema perjodu, bl-ebda mod ma' gie interrott skond kif rikjest mill-ligi jew b'att gudizzjarju jew ta' xi forma ta' rikonoxximent da parti tas-socjeta konvenuta.

Illi, ghalhekk, jirrisulta, b'mod evidenti u appjament illi din l-azzjoni hi preskritta. Konsegwentement ma hux mehtieg li jigu esaminati l-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mis-socjeta konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni tiddikjara l-azzjoni in esami bhala preskritta bl-ispejjes jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------